**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 582/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**vs**
**Keith Pomorski**

**Illum 28 ta' Frar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Keith Pomorski ta' 36 sena, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 463083M.

Akkuzat talli f'Hal-Ghaxaq u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar l-20 ta' Settembru, 2019 u fil-granet ta' qabel:

1. Uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u/jew psikologika, u/jew sfurzar, sabiex igieghel lil xi hadd u cioe' lil ohtu Julie Pomorski jaghmel, ihalli ssir jew jonqos milli jaghmel xi haga;

2. Bl-imgiebu tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe' lil ohtu Julie Pomorski biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew proprjeta' ta' axxendenti jew dixxendenti;

3. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra u cioe' lill-ohtu Julie Pomorski jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dak ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna;

4. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' ohtu Julie Pomorski.

5. Ghamel lill-ohtu Julie Pomorski ingurji u theddid iehor jew jekk kien provokat ingurjaha b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Julie Pomorski ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Julie Pomorski ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 21 ta' Settembru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali tal-imputat immarkat bhala Dok MC1, referral for domestic violence unit immarkat bhala Dok MC2, stqarrija datata 21 ta' Settembru, 2019 immarkat bhala Dok MC3, nota ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok MC4, current incident report datat 20 ta' Settembru, 2019 immarkat bhala Dok POL1, letting agreement immarkat bhala Dok MG1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Julie Pomorski, Anna Pomorski, PC 1405 Dylan Gerada, Perit Malcolm Gingell.

**Julie Pomorski**, tghid li fl-20 ta' Settembru, 2019 ghal habta tas-siegha neqsin ghaxra, hija kienet fis-sodda qed tara Netflix u gie Keith Pomorski li jigi huwa jitlobha one euro (€1) u peress li Keith Pomorski ghandu l-vizzju tad-droga, Julie rrifjutat milli ttih xi flus. Keith Pomorski qabad il-laptop ta' Julie u qalilha li jekk mhux se ttih il-flus, hu kien se jsabbat il-laptop mal-art. Julie baqghet tinsisti li ma riditx ittih il-flus u ghalhekk Keith waqqalha l-laptop cirka hamsin centimetru gholi. Il-laptop baqa' jahdem izda ghandu xi

grif. Bir-rabja, Keith beda jaqbad xi 'crystals' u ornamenti tal-hgieg li kellha fil-kamra taghha Julie u beda jwaddabhomla. Julie qabdet il-quilt u pprotegiet lilha nnifisha bil-quilt. Hu u hiereg mill-kamra ta' Julie, qabad affarijiet tac-caqquf ta' ommu li kienu barra mill-kamra ta' Julie u beda jwaddabbhom direzzjoni ta' Julie. Sakemm beda jigri dan kollu, giet omm Keith u Julie u ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni. Julie cemplet 112 ghall-ghajnuna. Julie tispjega li kienu ilhom zmien bil-glied hi u huha u dejjem minhabba l-flus. Sahansitra, darba minnhom Julie rrifjutat ittih il-flus u Keith girfilha l-bonnet tal-karozza. Julie tispjega li ma thosshiex protetta gewwa d-dar ta' ommha u missierha ghax anke jekk ikollha bzonn tmur sal-kamra tal-banju, ikollha tiehu maghha l-portmoni u c-cavetta tal-karozza ghax tibza' li Keith se jisraqha. Tispjega li kien hemm okkazzjoni fejn ankew gew fl-idejn minhabba li Keith qabad mixer li kienet ghadha kemm xtrat Julie, liema mixer kien jiswa mitejn ewro (€200) u Keith beda jinkiha bil-mixer. Julie rrabbjat u hi u timbuttah b'saqajja, laqtitu fil-parti privata tieghu, irrabja u gew fl-idejn. Keith ammetta ma Julie li kien hu li girfilha l-bonett tal-karozza.

**Anna Pomorski**, tghid li fl-20 ta' Settembru, 2019 ghal habta tas-siegha, it-tifla taghha Julie cemplet ghall-assistenza tal-Pulizija peress li kellha glieda ma huha Keith. Tispjega li hi kienet fil-kamra tas-sodda taghha ghax kienet qed tistrieh, liema kamra tigi bieb ma bieb mal-kamra ta' Julie, u fil-pront bdiet tisma' hafna ghajjat. Sakemm qamet u marret tara x'inhu jigri, rat li fil-kamra ta' Julie kien hemm hafna hgieg imkisser mal-art u Julie kienet mghottija bil-quilt taghha stess. Tkompli tispjega li Keith kien jhedded hafna lil Julie li se jpattihielha u li se jigi d-dar taghha biex tpattiha, ghaliex Julie kienet tirrifjuta milli ttih il-flus peress li ghandu l-vizzju tad-droga. Anna Pomorski tghid li sa fejn taf hi, Keith jiehu d-droga kokaina u eroina. Tikkonferma li Keith ghandu xoghol u jahdem hafna. Kien hemm okkazjoni fejn Julie ssakret fil-kamra tas-sodda tal-genituri taghha u Keith ried jidhol u faqa' l-bieb tal-kamra tas-sodda. Okkazjoni ohra, Keith giref il-karozza ta' ohtu Julie.

**PC 1405 Dylan Gerada**, jispjega li fl-20 ta' Settembru, 2019 ghal habta tas-siegha, il-Pulizija taz-Zejtun kienu rcevew telefonata li gewwa 4, Indian Sunset, Triq il-Milwa, Ghaxaq kien hemm kaz ta' vjolenza domestika. PC 1402 flimkien ma PC 916 marru fuq il-post fejn fethitilhom Julie Pomorski u spjegatilhom li ghal dawn l-ahhar xhur, hija kienet vittma ta' vjolenza domestika minn huha Keith Pomorski. Hija spjegat li fl-20 ta'

Settembru, 2019 Keith irrabja maghha u beda jwadbilha xi affarijiet tal-hgieg ghaliex hi rrifjutat milli ttih xi flus.  Julie ntalbet tmur l-Ghassa taz-Zejtun sabiex isirilha risk assessment report.  PC 1405 informa lill-Ispettur Melvyn Camilleri u dan tal-ahhar tah struzzjonijiet jarresta lil Keith Pomorski.

**Il-Perit Malcolm Gingell**, ghal fini tat-talba ghal helsien mill-arrest, spjega li Keith Pomorski huwa mpjegat tal-kumpanija li l-Perit huwa Direttur taghha, liema kumpanija jisimha Eurosem Limited.  Keith huwa impjegat bhala logistics co-ordinator.

Rat li fis-seduta tal-lum 28 ta' Frar 2020 regghet telghet tixhed il-parti leza Julie Pomorski li ddikjarat li tixiteq tahfer lill-imputat li jigi huha, ta' l-akkadut.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat li jigi huha rega' tenna anke wara li l-Qorti tatu zmien bizzejjed sabiex jekk irid jirtira dik l-ammissjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni ta' l-imputat stess il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu. Izda ghal dak li jirrigwarda piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-parti leza li tigi oht l-imputat Julie Pomorski, hafret l-agir ta' l-imputat u hadet ukoll in konsiderazzjoni li kemm il-Prosekuzzjoni u kemm id-Difiza qablu li piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251(1), 251A, 251B, 325(1)(c) u 338(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati fuq l-ammissjoni tieghu cara u inekwivoka tieghu stess ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, tapplika l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-hati jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skond kif ordnat lilu.

Il-Qorti qed tibghat l-atti flimkien ma' din is-sentenza lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**